KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 14

**It-Tnejn 28 ta' April 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 14.1 Qari tal-Apoloġiji

14.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

14.1.2 Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 13

14.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 13, li kienu meqjusa moqrija.

14.2.2 Ma kienx hemm emendi u l-minuti tal-laqgħa numru 13 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 14.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-SE infurmat li dwar para. 13.3.15, hija kienet tkellmet mal-Perit u talbitha aktar informazzjoni dwar il-proġett tal-afforestazzjoni fis-Swatar. S'issa kienet għadha qed tistenna aktar dettalji min-naħa tagħhom.

14.3.2 Is-Sindku informa li l-kumpanija privata relatata ma' para. 13.3.20 kienet għażlet li tagħmel manutenzjoni tal-playing field tas-Swatar. Is-SE kienet se tgħaddilhom ir-ritratti.

14.3.3 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet it-talba għal *traffic hump* b'konnessjoni ma' para. 13.4.2.

14.3.4 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para 13.4.3, kien inġab *technician* li prova jħaddem il-lift. Huwa informa li kien hemm nefqa sostanzjani biex jitranġa. Għaldaqstant issuġġeriet li l-Kunsill jieħu l-opportunità tal-iskema tad-DLG u tiddaħħal applikazzjoni biex isir tisbiħ u tranġar tal-uffiċini tal-Kunsill biex l-impjegati jaħdmu b'mod aktar komdu, filwaqt li jiġi installat lift ġdid għall-binja biex ikun hemm aċċessibbilità wkoll mill-bieb tal-ġenb. B'dan il-mod, jekk tintrebaħ, il-Kunsill kien se joħorġ biss 15% tal-ispiża finali.

14.3.5 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' Triq Achille Ferris, kienu qed jiġu preparati l-STL's għall-bozoz li hemm għaliex dawn ma kienux għadhom ġew regolarizzati mal-Enemalta. Sadanittant kienet intbagħtet talba lill-kuntrattur tal-Gvern biex jieħu ħsieb jagħmel manutenzjoni fuq is-soft area.

14.3.6 Sadanittant is-Sindku informa li l-kuntrattur kien ingħata l-permess minn TM biex iressaq il-*jersey barriers* sal-*hard shoulder* biex ikun jista' jibda x-xogħol. Huwa informa li sfortunatament dakinhar li kellu jibda, kien waqa' l-iscaffolding ta' IM u għaldaqstant kienu rtirawlu l-permess biex jaħdem.

14.3.7 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Agius kien għadda kopja tal-ittra għall-approvazzjoni tal-pubblikazzjoni tal-kotba ta' Dun Joe Calleja bil-firma ta' wieħed mill-aħwa f'isem il-familja kollha. Għaldaqstant kienet intbagħatet il-PO biex jibda l-iscanning tal-kotba. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li l-kuntrattur kien għaddielha kopja tal-kotba skennjati. Kien

hemm qbil li l-Kunsill għandu jgħaddi kopja tal-kotba lil ħu Dun Joe Calleja bħala ringrazzjament.

14.3.8 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 13.4.7, TM kienu infurmati li kienu għaddejjin bil-proċess tal-offerti għaliex bħalissa m'hemmx min jieħu ħsieb jagħmilhom.

14.3.9 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 13.4.8, kienu qed jinġabu l-kwotazzjonijiet.

14.3.10 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 13.4.9, kienet bagħtet kommunikazzjoni lid-DĠ tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex tara jekk hemmx xi applikazzjonijiet li kienu ġew proċessati u approvati.

14.3.11 Dwar para. 13.4.14, is-SE infurmat li kienet għaddejja b'kommunikazzjonijiet dwar permessi għal makkinarju quddiem l-Għassa. Hekk kif din il-kwistjoni tkun ġiet settled, kienet se tinfurmahom dwar l-iscaffolding.

14.3.12 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet il-kommunikazzjoni lis-CEO ta' IM dwar l-inkonvenjenza lir-residenti biex jaċċessaw il-lokalità min-naħa għall-oħra hekk kif maqbul f'para. 13.4.8.

14.3.13 Kienet intbagħtet ukoll it-talba biex jiġu mgħoddija l-pjanti tal-*playing field* il-ġdida hekk kif imsemmija f'para. 13.4.9. Sadanittant kienet bagħtet ukoll *email* oħra sabiex titlob il-konferma tal-Periti dwar il-posti tal-festa qabel il-Kunsill jibda jirċievi t-talbiet għall-ħruġ tal-permessi.

14.3.14 Dwar para. 13.5.6, is-SE kienet infurmata li l-pompi tal-Għajn tal-Ħasselin kienu twaħħlu lura iżda ma tafx kienux qed jaħdmu. Hawnhekk il-Kunsillier Farrugia informa li kien hemm id-dawl mitfi u jista' jkun li l-pompa qed taqta' s-circuit. Kien se jsir rapport ġdid mal-kuntrattur.

14.3.15 Is-SE infurmat li dwar para. 13.5.7, kienet ikkonfermat li l-proġett taċ-Ċirku tal-Imsida kien jifforma parti minn skema tad-DLG.

14.3.16 Is-SE infurmat li dwar 13.6, il-ħaddiem magħżul kien laħaq sab impjieg ieħor. Sadanittant iżda, l-uffiċċju tal-Community Workers kien assenja ħaddiem minn Kunsill ieħor u għalkemm ma kienx isuq lanqas, ix-xogħol bejn żewġ ħaddiema kien miexi bil-wisq aħjar.

14.3.17 Is-SE infurmat li grazzi għal uffiċjal minn TM, matul dak ix-xahar kienu tneħħew numru ta' vetturi abbandunati li kien hemm fil-lokalità. Hija talbet lill-Kunsilliera biex jekk ikunu jafu b'xi oħrajn, ikellmu lill-amministrazzjoni biex jieħdu ħsieb.

14.3.18 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand id-DĠ għaliex kellu lment li fi Triq il-Kunċizzjoni kien hemmxi nies li kellhom numri ta-bibien doppji. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibqa' bid-deċiżjoni li ttieħdet diġà, jiġifieri li jimxi triq triq. Is-SE u l-Kunsillier Baldacchino Cefai kkonfermaw li kienet intbagħtet il-kommunikazzjoni lill-Kumitat hekk kif deċiża mill-Kunsill biex l-ewwel isir in-numerar ta' Triq il-Wed.

14.3.19 Fir-rigward tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja, is-sindku informa li kien irnexxielu jkellem lill-PA tal-Ministru u dan kien infurmah li qabel jitkompla l-proċess hemm bżonn li titwaħħal grada sabiex ikun hemm separazzjoni bejn il-parkeġġ tal-impjegati u l-parkeġġ li se jkun miftuħ għall-pubbliku.

14.3.20 Is-Sindku informa li huwa kien stieden lill-Ministru Chris Bonett biex jagħmel żjara fl-Imsida. S'issa l-Onorevoli Bonett ma kienx għadu ta risposta lura.

14.3.21 Is-Sindku informa li l-Onorevoli Ministru Galdes kien talab laqgħa mas-Sindku u mas-SE wara li rċieva t-talba tal-Kunsill fir-rigward tat-twaqqigħ tal-bini ta' Triq il-Wied.

14.3.22 Is-Sindku informa li s-CEO ta' Infrastructure Malta kien talab l-opinjoni tiegħu dwar il-bus stop tal-Junior College. Is-Sindku rringrazzjah talli kien qed jitlob il-parir tal-Kunsill iżda infurmah li d-deċiżjoni għandha tkun ta' IM.

14.3.23 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier JC Borg, kien hemm qbil unanimu li għandha tintbagħat ittra lill-Onorevoli Miriam Dalli, l-Onorevoli Zrinzo Azzopardi u l-Onorevoli Clint Camilleri u jiġu kkupjati l-kunsilliera kollha fejn għandu jsir appell lit-tlieta li huma sabiex iż-żona tas-Swatar li għadha art verġni, għandhom jiġu reversed id-deċiżjonijiet kollha għal żvilupp biex għalmenu fl-Imsida jiġi salvat l-aħħar pulmun aħdar li kien fadal.

14.3.24 Il-Kunsillier Agius staqsa x'se jsir fir-rigward ta' para. 13.3.9. Is-SE infurmat li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lil TM u l-marki l-ġodda li se jsiru kienu skont l-approvazzjoni tagħhom.

14.3.25 Is-Sindku informa li fir-rigward para. 13.3.18, huwa kien reġa' għamel talba biex il-ġibjuni jitnaddfu sa Ġunju.

14.3.26 Il-Kunsillier Agius għadda kopja ta' email lis-SE fejn din il-kommunikazzjoni kienet qed tikkonferma li kien għaddej il-proċess biex tinfetaħ il-berġa f'waħda mill-binjiet ta' Patrick Holland. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE tikteb lura tirringrazzjahom tal-informazzjoni u titlobhom jgħidulna x'se jkun jinkludi s-servizz tal-berġa.

14.3.27 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier JC Borg għall-attivitajiet marbuta mal-festi liturġiċi. L-ES issuġġeriet li l-purċissjoni tkun iqsar għaliex it-tfal għajjew, skont ma infurmawha mill-Iskola. Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg irringrazzja wkoll lil Martin Agius tal-għajnuna kollha li taha biex setgħet tittella' l-esebizzjoni. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel poster għal fuq FB biex titlob għall-għajnuna u voluntiera biex jgħinu fuq attivitajiet kulturali u soċjali.

14.3.28 Is-Sindku informa li bl-għajnuna tal-Manager tar-Reġjun Lvant kienet qed titħejja applikazzjoni għal attivitajiet varji tal-Milied madwar il-lokalità sabiex tiddaħħal mal-applikazzjonijiet għal skema għal rebħ ta' fondi fejn il-Kunsill irid joħroġ biss 15% u l-85% ikunu ssussidjati mid-DGL. Is-Sindku informa li permezz ta' dawn l-attivitajiet il-Kunsill seta' jgħin lill-entitajiet lokali

14.3.29 Is-Sindku informa li kien kiteb ukoll lill-MTA biex fi żmien il-Milied tinxtegħel iż-żona tal-iskate park u l-madwar. Huwa qal li se jkompli bil-kommunikazzjonjiet lura.

14.3.30 Is-Sindku informa li jekk m'hemm ebda kummenti u/jew oġġezzjonijiet, l-ittra dwar Traffic management li kien għadda resident li joqgħod fil-madwar ta' Triq l-Irmiġġ kien se jgħaddiha lil TM.

14.3.31 Is-Sindku informa li kienu se jinbdew diskussjonijiet dwar jekk il-ġbir ta' skart għandux ikun filgħodu jew bil-lejl u għaldaqstant talab kummenti mingħand il-Kunsilliera l-oħra. Il-Kunsill kollu qabel li l-ġabra għandha tkun bil-lejl. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li filkaż li l-ġabra tibda ssir bil-lejl, għandha ssir talba li jintużaw vetturi li jaħdmu bl-elettriku ħabba ma jagħmlux storbju.

14.3.32 Is-Sindku, is-SE u Ryan Zammit kellhom laqgħa ma' rappreżentanta ta' GreenPak biex naraw kif se nedukaw lir-residenti dwar rimi ta' skart illegali.

14.3.33 Is-Sindku informa li Clean Malta fl-aħħar bdew is-servizz bil-ħaddiema tagħhom flok tal-kuntrattur u bħala boroż bdew ikunu oranġjo flok suwed. Barra minn dan, sar ftehim magħhom ukoll dwar kif il-ġabra tal-boroż tista' tkun aktar effettiva. Barra minn dan, kienu bagħtu wkoll xi ħaddiema jaħslu t-toroq bil-bowser u in ġenerali kien hemm titjib fis-servizz. Huwa ġibed l-attenzjoni li b'dan is-servizz il-Kunsill se jkun qed jiffranka wkoll mill-ġabra ta' skart goff u affarijiet abbandunati għaliex jiġbruhom huma flok il-kuntrattur privat tal-Kunsill.

14.3.34 Is-Sindku informa li ġejna nnotifikati minn IM li se tinfetaħ it-triq bejn Triq is-Sarġ għal Triq Dun Joe Calleja.

14.3.35 Is-Sindku informa li IM kienu infurmaw li għall-ġostra kienu se jagħmlu barkun disponibbli jew issir fuq is-slipway. Il-Kunsill qabel.

14.3.36 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand Msida St Joseph fejn kienu qed jitolbu xi affarijiet għall-uffiċċju. Kien hemm qbil li din is-sena l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jgħin u li meta ngħatat l-għajnuna, kien għaliex kien hemm skema min-naħa tal-Kunsill Reġjonali.

14.3.37 Hawnhekk il-Kunsillier Chircop informa li l-Imsida St Joseph kienu offrew li jistgħu jintużaw il-premises tagħhom għal attivitajiet u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill ikun jista' joffri ħlas għal dan is-servizz meta jkun hemm bżonn.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

14.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet min-naħa tal-Kunsilliera.

## 14.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

14.5.1 Is-SE infurmat li TCTC kienu qed jitolbu li l-Kunsill jagħmel tajjeb għal xi mwejjed li kienu nxtraw snin ilu biex isiru l-korsijiet tal-kompjuter. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna min-naha tat-TCTC biex jagħti prezz għalihom u mbagħad il-Kunsill jiddeċiedi jridx iżommhom jew le.

14.5.2 Is-SE infurmat li kienet ikkonfermat il-linji gwida relatati mal-offerti dwar in-numru ta' membri fuq il-kumitat tat-tenders u dawn kienu jgħidu li jrid ikun iffurmat minn ħames persuni jew aktar imma dejjem b'numru fard.

14.5.3 Fir-rigward tal-offerta tas-Soft Areas talbet għaldaqstant biex il-Kunsill jerġa' jikkonferma l-bord tal-evalwazzjoni minħabba li kienet qed tistenna biex tibgħatu għall-verifika. Kien hemm qbil li l-membri għandhom ikunu s-Sindku, il-Viċi Sindku, is-SE (Segretarju), il-Kunsillier Chircop u l-Kunsillier Farrugia (Chairman).

## 14.6 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements*

14.6.1 L-*accountant* qalet li fl-aħħar ta' 2024 il-Kunsill kien spiċċa s-sena b'telf ta' €216,785. Min-naħa tal-awdituri kienu għamlu emenda ta' madwar €4,000 li ovvjament m'għamlux wisq differenza fuq l-ammont.

14.6.2 L-*accountant* infurmat li biex il-Kunsill ma jkunx qed ikompli jonfoq il-flus mogħtija minn Project Green, hija ssuġġeriet li jitpoġġa l-ammont sħiħ fil-kont. Is-SE infurmatha li kienet għaddiet struzzjonjiiet lill-impjegata tal-Kunsill biex il-kont ta' Project Green ikollu fih l-ammont sħiħ li għaddew lill-Kunsill u li għandu jibqa' intatt sakemm ma jkunx hemm emerġenza.

## 14.7 Approvazzjoni tal-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart (Jannar – Marzu 2025

14.7.1 L-*accountant* qalet li minn l-aħħar ta' Diċembru 2024 għall-aħħar ta' Marzu 2025 kien hemm titjib għalkemm fadal ħafna biex jirkupja l-€142,000. Hija infurmat li minn -24% fl-aħħar ta' Diċembru 2024, il-Kunsill spiċċa l-ewwel kwart bi 22% fin-negattiv.

14.7.2 Hija ġibdet l-attenzjoni li n-nefqa fuq ir-*repairs and upkeep* kienet diġà pjuttost għolja għal dan il-perjodu u għaldaqstant issuġġeriet li nnaqqsu l-ispejjeż.

## 14.8 Jum l-Imsida 2025

14.8.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandu jingħata rikonoxximent lis-Sur Martin Agius tal-għajnuna kollha li jagħti biex tittella' l-wirja tal-vari fil-binja tal-Kunsill. Kulħadd qabel b'mod unanimu.

14.8.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier JC Borg kien hemm qbil unanimu li jingħataw ukoll żewġ rikonoxximenti oħra, wieħed lis-Sur Jesmond Arpa, li ta' kull sena jiprintja l-istampa li tintuża għall-mixgħela bla ħlas kif ukoll lis-Sur Robert Spiteri li kull sena jagħti donazzjoni ta' croissants għat-tfal li jattendu l-purċissjoni.

14.8.3 Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Iskola Primarja kif qabel il-Kunsill biex tara hux possibbli li tintuża s-sala iżda sal-ġurnata kien għad ma kellhiex risposta. Kien hemm qbil li għandha ttiha telefonata għaliex filkaż irid jinstab post alternattiv fejn issir l-attività. Hija infurmat li sadanittant hekk kif tkun taf fejn se ssir l-attività se tkun qed tieħu ħsieb li ġġib il-kwotazzjonijiet meħtieġa.

14.8.4 Kien hemm qbil li l-bord tal-għażla għal Mertu l-Imsida għandu jkun magħmul mill-eks SE Marita Portelli u Matthew Dimech u mill-eks Sindku Dr Carmelo Grima. Kemm-il darba ma jistax xi ħadd minnhom, se jiġi avviċinat l-eks Kunsillier Matthew Agius.

## 14.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-14), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier JC Borg propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier C Borg ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 14.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.10.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2025 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Dwar il-kiosks, Ryan ikkonferma li hemm biss problema b'wieħed minnhom, li qiegħed viċin tal-Knisja. Is-SE talbet lil Ryan biex din l-informazzjoni tkun bil-miktub minn IM. Ryan qal li minn IM kienu talbu li jkollhom informazzjoni ta' kemm se jdumu il-posti fit-toroq. Il-Kunsill talbu jsaqsi għaliex għandhom bżonn din l-informazzjoni u għal liema posta kien qed jirreferi eżatt.

Dwar l-email li ntbagħtet mis-SE f'isem il-Kunsill biex Ryan ikollu l-fakultà jkellem lill-kuntrattur dwar ħofor fiż-żona tal-proġett ma ġietx aċċettata imma qed jikkunsidraw li jkun hemm liaison officer bejnu u l-field officer. Sadanittant kienu ssuġġerew li jsir *patching* ta' Rue D'Argens.

Ryan informa li fi Triq Clarence se jkun qed isir xi xogħol fuqha u se jdum madwar xahrejn. Sadanittant illejla se jsir xogħol quddiem l-Avis.

Ryan talab lis-SE li IM kienu kkonfermaw li l-Kunsill għandu jiġbor l-affarijiet tagħna lura sa dik il-ġimgħa.

Huwa informa li l-email li kienet intbagħtet lis-CEO se tkun qed tiġi diskussa u se jagħtu l-feedback tagħhom lilu u mbagħad se jgħaddilna l-informazzjoni hu.

Dwar it-talba tal-kunsill għal Mobile toilets, huwa qal li dawn ma ġewx aċċettati għaliex qed jinsistu li kienu magħluqa qabel il-proġett. Il-Kunsill infurmah li l-latrina kienet miftuħa sal-aħħar ta' Novembru. Is-SE infurmat li kemm-il darba jiġu kemm residenti kif ukoll ħaddiema fil-binja tal-Kunsill sabiex jużaw it-toilet għaliex m'għadx hemm fejn wieħed juża toilet pubbliku. Il-Kunsill insista li għallanqas għall-ġimgħatejn tal-festa għandu jkun hemm il-mobile toilets fil-pjazza.

Is-Sindku talab ukoll li l-krejns għandhom jieqfu totalment.

Fir-rigward tal-festa qed jipproponu li ssir laqgħa għall-bidu ta' Ġunju. Is-Sindku insista li l-laqgħa għandha tinżamm għal nofs Mejju.

Ryan informa li r-rampa li kienet saret kienet waħda temporanja. Dan għaliex IM qed tinsisti li min irid jidħol fil-Kunsill jista' jgħaddi mit-trejqa ta' wara.

Ryan informa li x-xogħol fuq it-Triq AM Vassalli se jsir fuq iż-żewġ naħat tagħha.

Is-Sindku talab lil Ryan isaqsi meta se jsiru l-ħitan/balavostri tan-naħa ta' fuq ta' Triq AM Vassalli.

Ryan informa li fir-rigward tat-talba għal dawl fil-parkeġġ ta' Triq Clarence, IM m'aċċettawx. Il-kunsill baqa' jinsisti li għandu jsir id-dawl fil-parkeġġ min-naħa ta' IM u jekk dawn jibqgħu jgħidu le, il-Kunsill kien se jżommhom responsabbli għal li jista' jinqala'.

Għat-talba tal-Kunsill biex isiru marki/tabelli ta' no parking viċin l-AVIS, IM kienu aċċettaw din it-talba.

Ryan informa li IM kienu qed jitolbu li jitneħħa t-*tower crane* ta' quddiem Sofra. Is-SE spjegat li meta kellmuha minn IM, kienu qalulha li l-problema li kellhom kienet bit-*tower crane* ta' ħdejn il-hotel u mhux ta' quddiem Sofra. Ryan kien se jikkonferma eżatt.

Il-Kunsillier Farrugia talab li jsiru *floodlights* għal quddiem il-barriers li hemm quddiem il-binja tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Farrugia qal li jixtieq juri solidarjeta mal-ħaddiem li waqa' minn fuq l-i*scaffolding*. Huwa qal li *health and safety* fuq il-post hija kważi ineżistenti. Ryan qal li IM infurmawh li għandhom żewġ *H&S Officers* jduru madwar is-sit b'mod regolari.

Għall-mistoqsija dwar il-cameras li jagħtu minn fuq il-bejt tal-Kunsill, is-SE infurmat li waħda hija ta' TM u l-oħra le. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ladarba din qegħda fuq il-binja tal-Kunsill nistgħu ndawruha b'mod li għallanqas tagħti dehra ikbar fuq it-toroq minflok fuq il-binjiet.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:10pm.

*****